



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 15 ta' Jannar 2009
(OR. en)**

15248/08

**Fajl Interistituzzjonali:
2007/0233 (COD)**

**STATIS 160
COMPET 448
UD 201
CODEC 1485**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li
mhumiex membri u li jħassar ir-Regolament tal-
Kunsill (KE) Nru 1172/95**

REGOLAMENT (KE) Nru .../... TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

**dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern
ma' pajjiżi li mhumiex membri u li jħassar
ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat²,

¹ ĠU C 70, 15.3.2008, p. 1.

² Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Settembru 2008 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta'... .

Billi:

- (1) L-informazzjoni dwar l-istatistika tal-flussi kummerċjali tal-Istati Membri ma' pajjiżi mhux membri hija ta' importanza essenzjali għal-linji politiċi ekonomiċi u kummerċjali tal-Komunità u għall-analiżi tal-iżvilupp tas-suq għall-merkanzija individwali. It-trasparenza tas-sistema statistika għandha titjeb biex din tkun tista' tirreaġixxi għall-ambjent amministrattiv li qed jinbidel, u biex tissodisfa r-rekwiżiti l-ġodda tal-utenti. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 tat-22 ta' Mejju 1995 dwar l-istatistika dwar il-kummerċ fl-oġġetti mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha ma' pajjiżi li mhumiex membri¹ għandu għalhekk jiġi sostitwit b'Regolament ġdid skont ir-rekwiżiti mniżżla fl-Artikolu 285(2) tat-Trattat.
- (2) L-istatistika tal-kummerċ estern hija bbażata fuq *data* miksuba mid-dikjarazzjonijiet doganali kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju², minn issa 'l quddiem imsejjaħ (il-'Kodiċi Doganali'). Il-progress fl-integrazzjoni Ewropea u l-bidliet li jirriżultaw minn dan fl-iżdoganar, inklużi l-awtorizzazzjonijiet uniċi għall-użu tad-dikjarazzjoni simplifikata jew tal-proċedura lokali ta' iżdoganar, kif ukoll l-iżdoganar ċentralizzat, li għandu jgħid mill-proċess attwali tal-immodernizzar tal-Kodiċi Doganali kif imniżżel fir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat)³, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-'Kodiċi Doganali Modernizzat'), jitolbu numru ta' tibdiliet. B'mod partikolari, huma jirrendu meħtieġ aġġustament tal-mod ta' kif tinġabar l-istatistika tal-kummerċ estern, il-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-kunċett tal-Istat Membru li qed jimporta jew li qed jesporta, u d-definizzjoni b'aktar preċiżjoni tas-sors tad-*data* għall-għbir tal-istatistika Komunitarja.

¹ ĠU L 118, 25.5.1995, p. 10.

² ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

³ ĠU L 145, 4.6.2008, p. 1.

- (3) Simplifikazzjonijiet tal-formalitajiet u l-kontrolli doganali taħt il-Kodiċi Doganali Modernizzati jistgħu jwasslu sabiex dikjarazzjonijiet doganali ma jkunux disponibbli. Sabiex il-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-kummerċ estern tinżamm kompluta, għandhom jiġu adottati miżuri li jiżguraw li dawk l-operaturi ekonomiċi li jibbenefikaw mis-simplifikazzjoni, jipprovdu data statistika.
- (4) Id-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ¹ ser tistabilixxi sistema doganali elettronika għall-iskambju ta' data li tkun tinsab f'dikjarazzjonijiet doganali. Biex jiġi rreġistrat il-fluss kummerċjali fiżiku tal-merkanzija bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi mhux membri u biex ikun żgurat li d-data dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet hija disponibbli fl-Istat Membru kkonċernat, l-arranġamenti bejn l-awtoritajiet doganali u dawk tal-istatistika huma meħtieġa u għandhom ikunu speċifikati. Dan jinkludi regoli dwar l-iskambju ta' data bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. Din is-sistema għall-iskambju tad-data għandha tibbenefika kemm jista' jkun mill-infrastruttura stabbilita mill-awtoritajiet doganali.
- (5) Għall-allokkazzjoni tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-Komunità lil Stat Membru partikolari, hija meħtieġa l-kompilazzjoni ta' *data* dwar 'l-Istat Membru tad-destinazzjoni finali', għall-importazzjonijiet, u 'l-Istat Membru tal-esportazzjoni reali' għall-esportazzjonijiet. Fuq perijodu medju, dawk l-Istati Membri għandhom isiru l-Istat Membru ta' importazzjoni u esportazzjoni għal finijiet ta' statistika għall-kummerċ estern.

¹ ĠU L 23, 26.1.2008, p.21.

- (6) Għall-fini ta' dan ir-Regolament il-merkanzija għal finijiet tal-kummerċ estern għandha tiġi klassifikata skont 'in-Nomenklatura Magħquda' stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni tad-Dwana¹, (minn issa 'l quddiem imsejħa 'n-Nomeklatura Magħquda').
- (7) Biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-Kummissjoni għal informazzjoni dwar is-sehem tal-euro fil-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija, il-valuta tal-fatturazzjoni tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet għandha tiġi rrapportata f'livell aggregat.
- (8) Għall-finijiet tan-negozjati kummerċjali u tal-ġestjoni tas-suq intern, il-Kummissjoni għandha tingħata informazzjoni dettaljata dwar it-trattament preferenzjali tal-merkanzija importata fil-Komunità.
- (9) L-istatistika tal-kummerċ estern tipprovdi data għall-kompilazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti u l-kontijiet nazzjonali. Il-karatteristiċi li jagħmlu possibbli l-adattazzjoni tagħhom għal finijiet tal-bilanċ tal-pagamenti għandhom isiru parti mis-sett ta' data standard u obbligatorja.
- (10) L-istatistika tal-Istati Membri dwar l-imħażen doganali u ż-żoni ħielsa mhijiex soġġetta għal dispożizzjonijiet armonizzati. Madankollu, il-kompilazzjoni għal finijiet nazzjonali ta' din l-istatistika tibqa' fakultattiva.

¹ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

- (11) L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Eurostat b'data annwali aggregata dwar il-kummerċ imqasma skont il-karatteristiċi tal-kummerċ, li tintuża, fost użu ieħor, biex tiffaċilita l-analiżi ta' kif il-kumpanniji Ewropej joperaw fil-kuntest tal-globalizzazzjoni. Ir-rabta bejn l-istatistika kummerċjali u l-istatistika dwar in-negozji tiġi stabbilita bl-inkorporazzjoni ta' data dwar l-importatur u l-esportatur disponibbli fid-dikjarazzjoni doganali b'data mitluba mir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika¹.
- (12) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika Komunitarja² jipprovdi qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Madankollu, livell ta' informazzjoni f'ħafna dettall dwar il-kummerċ fil-merkanzija jitlob regoli ta' kunfidenzjalità jekk din l-istatistika għandha tkun rilevanti.
- (13) It-trażmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità tal-istatistika hija rregolata mir-regoli stipulati fir-Regolament (KE) Nru 322/97 u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90 tal-11 ta' Ġunju 1990 dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika fl-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej³. Il-miżuri meħuda skont dawk ir-Regolamenti jiżguraw il-ħarsien fiżiku u loġiku tad-data kunfidenzjali u jiżguraw li ma jsir l-ebda żvelar illegali jew użu mhux għal skop statistiku meta tiġi pproċessata u mxerrda l-istatistika Komunitarja.

¹ ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6.

² ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1.

³ ĠU L 151, 15.6.1990, p.1.

- (14) Fil-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Komunitarja skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet nazzjonali u Komunitarji tal-istatistika għandhom iqisu l-prinċipji stabbiliti fil-Kodiċi ta' Prassi Ewropew għall-Istatistika, li ġie adottat mill-Kumitat tal-Programm Statistiku fl-24 ta' Frar 2005 u meħmuż mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2005, dwar l-indipendenza, l-integrità u r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali u Komunitarji tal-istatistika.
- (15) Għandhom jiġu fformulati dispożizzjonijiet speċifiċi sabiex jibqgħu fis-seħħ sakemm il-bidliet fil-leġiżlazzjoni doganali jirriżultaw f'data addizzjonali dwar id-dikjarazzjoni doganali u sakemm il-leġiżlazzjoni Komunitarja tibda titlob l-iskambju elettroniku tad-data.
- (16) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jwaqqaf qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika dwar il-kummerċ estern tal-Komunità, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tar-Regolament, jista' jintlaħaq aħjar f'livell Komunitarju, il-Komunità tista' taddotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.
- (17) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni¹

¹ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(18) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadatta l-lista tal-proċeduri doganali jew tat-trattament approvat mid-dwana jew l-użu li jiddeterminaw esportazzjoni jew importazzjoni għall-istatistika tal-kummerċ estern; li tadotta regoli differenti jew speċifiċi għal merkanzija jew movimenti li, minħabba raġunijiet metodoloġiċi, jitolbu dispożizzjonijiet speċifiċi; li tadatta l-lista tal-merkanzija u l-movimenti esklużi mill-istatistika tal-kummerċ estern; li tispeċifika s-sorsi tad-data minbarra d-dikjarazzjoni doganali għar-rekords dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' merkanzija speċifika jew movimenti; li tispeċifika d-data statistika, inklużi l-kodiċi li għandhom jintużaw; li tistabbilixxi l-ħtiġiet għal data dwar merkanzija speċifika jew movimenti; li tistabbilixxi ħtiġiet dwar il-kompilazzjoni ta' statistika; li tispeċifika l-karatteristiċi tal-kampjuni; li tistabbilixxi l-perijodu ta' rappurtar u l-livell ta' aggregazzjoni għall-pajjiżi msieħba, il-merkanzija u l-valuta; u ukoll biex tiġi adattata l-iskadenza għat-trażmissjoni tal-istatistika, il-kontenut, il-kopertura u l-kondizzjonijiet għar-reviżjoni tal-istatistika diġà trażmessa; u li tistabbilixxi l-iskadenza għat-trażmissjoni tal-istatistika dwar ċertu dettall fir-rigward tal-kummerċ permezz tal-karatteristiċi tan-negozju u l-istatistika dwar il-kummerċ imqas bil-valuta tal-fatturazzjoni. Peress li daww il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia*, billi jissupplimentaw b' elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilxxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Komunitarja rigward il-kummerċ tal-merkanzija ma' pajjiżi mhux membri (minn issa 'l quddiem imsejjħa "statistika tal-kummerċ estern").

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) 'merkanzija' tfisser kull proprjetà mobbli, inkluż l-elettriku;
- (b) 'territorju statistiku tal-Komunità' tfisser it-territorju doganali tal-Komunità kif definit fil-Kodiċi Doganali biż-żieda tal-gżira ta' Helgoland fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja;
- (c) 'awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika' tfisser l-istituti nazzjonali tal-istatistika u korpi oħra responsabbli f'kull Stat Membru biex jipproduċu statistika dwar il-kummerċ estern;
- (d) 'awtoritajiet doganali' tfisser 'l-awtoritajiet doganali' kif definit fil-Kodiċi Doganali;

- (e) ‘dikjarazzjoni doganali’ tiffisser ‘dikjarazzjoni doganali’ kif definita fil-Kodiċi Doganali;
- (f) ‘deċiżjoni mid-dwana’ tiffisser kull att uffiċjali mill-awtoritajiet doganali relatat ma’ dikjarazzjonijiet doganali aċċettati u li għandhom effett legali fuq persuna waħda jew aktar.

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

1. L-istatistika tal-kummerċ estern għandha tirreġistra l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-merkanzija.

Esportazzjoni għandha tiġi rreġistrata minn Stat Membru fil-każ li merkanzija titlaq mit-territorju statistiku tal-Komunità skont waħda mill-proċeduri doganali li ġejjin jew skont trattament jew użu approvat mid-dwana, stipulati fil-Kodiċi Doganali:

- (a) esportazzjoni;
- (b) proċessar tal-ħruġ;
- (c) esportazzjoni mill-ġdid li ssegwi jew proċessar tad-dħul jew proċessar taħt il-kontroll doganali.

Importazzjoni għandha tiġi rreġistrata minn Stat Membru fil-każ li merkanzija tidħol fit-territorju statistiku tal-Komunità b'konformità ma' waħda mill-proċeduri doganali li ġejjin stipulati fil-Kodiċi Doganali:

- (a) rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera;
- (b) proċessar tad-dħul;
- (c) proċessar taħt kontroll doganali.

2. Il-miżuri mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament dwar l-adattament tal-lista ta' proċeduri doganali jew trattament jew użu approvati mid-dwana msemmija fil-paragrafu 1 sabiex jittieħed kont tal-bidliet fil-Kodiċi Doganali jew dispożizzjonijiet li jirriżultaw minn konvenzjonijiet internazzjonali għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3).
3. Għal raġunijiet ta' metodoloġija, ċertu merkanzija jew movimenti jitolbu dispożizzjonijiet speċifiċi. Dan jikkonċerna impjanti industrijali, inġenji tal-baħar jew tal-ajru, prodotti tal-baħar, merkanzija mwassla fuq inġenji tal-baħar jew tal-ajru, kunsinni maqsuma, merkanzija militari, merkanzija lejn jew minn installazzjonijiet offshore, vetturi spazjali, elettriku u gass u prodotti tal-iskart (minn issa 'l quddiem imsejja "merkanzija jew movimenti speċifiċi").

Il-miżuri mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia* billi jissupplimentawh, dwar merkanzija u movimenti speċifiċi u dispożizzjonijiet differenti jew speċifiċi applikabbli għalihom, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3).

4. Għal raġunijiet ta' metodoloġija, ċertu merkanzija jew movimenti għandhom jiġu esklużi mill-istatistika tal-kummerċ estern. Dan jinkludi deheb monetarju u mezzi ta' pagament li huma valuta legali; merkanzija li l-użu maħsub tagħha jkun ta' natura diplomatika jew simili; movimenti ta' merkanzija bejn l-Istat Membru ta' importazzjoni u dak ta' esportazzjoni u l-forzi armati tagħhom stazzjonati barra l-pajjiż kif ukoll ċerta merkanzija akkwistata u użata mill-forzi armati barranin; merkanzija partikolari li mhumiex is-suġġett ta' tranżazzjoni kummerċjali; movimenti ta' pjattaformi għall-illanċjar ta' satelliti qabel ma jiġu llanċjati; merkanzija għat-tiswija u għal wara t-tiswija; merkanzija għal użu temporanju jew għal wara l-użu temporanju; u merkanzija użata bħala trasportaturi ta' informazzjoni personalizzata; u merkanzija ddikjarata bil-fomm lill-awtoritajiet doganali li jew huma ta' natura kummerċjali, sakemm il-valur tagħhom jaqbiż il-limitu statistiku ta' 1000 EUR fil-valur jew 1000 kilogramma f'massa netta, jew huma ta' natura mhux kummerċjali.

Il-miżuri mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia* billi jissupplimentawh, dwar esklużjoni ta' merkanzija jew movimenti mill-istatistika dwar il-kummerċ estern, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3).

Artikolu 4
Sors tad-data

1. Is-sors tad-*data* għal rekords dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-merkanzija msemmija fl-Artikolu 3(1) għandha tkun id-dikjarazzjoni doganali, inklużi emendi possibbli jew bidliet fid-*data* statistika li jirriżultaw mid-deċiżjonijiet mid-dwani marbutin magħha.
2. Fejn is-simplifikazzjonijiet ulterjuri tal-formalitajiet u l-kontrolli doganali skont l-Artikolu 116 tal-Kodiċi Doganali Modernizzat iwasslu sabiex rekords dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' merkanzija ma jkunux disponibbli f'idejn l-awtoritajiet doganali, l-operatur ekonomiku lil min tkun ingħatat is-simplifikazzjoni għandu jipprovdi d-*data* statistika definita fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.
3. L-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw sorsi ta' *data* oħra għall-ġbir tal-istatistika nazzjonali tagħhom sad-*data* tal-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu għall-iskambju ta' *data* reċiproku b'mezzi elettorniċi li hemm referenza għalih fl-Artikolu 7(2).

4. Għal merkanzija jew movimenti speċifiċi kif imsemmija fl-Artikolu 3(3), jistgħu jintuża għejun ta' data minbarra d-dikjarazzjoni doganali.
5. Il-miżuri mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia* billi jissupplimentawh, dwar il-ġbir tad-data skont il-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3). Dawn il-miżuri għandhom jieħdu l-akbar kont tan-neċessità li tiġi stabbilita sistema effiċjenti li timminimizza l-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi u l-amministrazzjonijiet.

Artikolu 5

Data statistika

1. L-Istati Membri għandhom jiksbu s-sett ta' *data* li ġejja mir-rekords dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1).
 - (a) il-fluss tal-kummerċ (importazzjoni, esportazzjoni);
 - (b) il-perjodu referenzjali ta' kull xahar;
 - (c) il-valur statistiku tal-merkanzija fuq il-fruntiera nazzjonali tal-Istati Membri importaturi u esportaturi;

- (d) il-kwantità espressa f' massa netta u f' unità supplementari jekk tkun indikata fid-dikjarazzjoni doganali;
- (e) il-kummerċjant, li huwa l-importatur/id-destinatarju ta' importazzjoni u l-esportatur/il-kunsinnatur ta' esportazzjoni;
- (f) l-Istat Membru importatur jew esportatur, jgħid li l-Istat Membru fejn issir id-dikjarazzjoni doganali, jekk tkun indikata fid-dikjarazzjoni doganali:
- (i) wara l-importazzjoni, l-Istat Membru tad-destinazzjoni;
 - (ii) fuq l-esportazzjoni, l-Istat Membru tal-esportazzjoni reali;
- (g) il-pajjiżi msieħba, jgħid li:
 - (i) fuq l-importazzjoni, il-pajjiż tal-oriġini u l-pajjiż tal-kunsinna/tluq;
 - (ii) fuq l-esportazzjoni, il-pajjiż tal-aħħar destinazzjoni magħrufa;
- (h) il-merkanzija skont in-Nomenklatura Magħquda li hija:
 - (i) fuq l-importazzjoni, il-kodiċi tal-merkanzija tas-subintestatura Taric;
 - (ii) fuq l-esportazzjoni, il-kodiċi tal-merkanzija tas-subintestatura tan-Nomenklatura Magħquda;
- (i) il-kodiċi tal-proċedura doganali li għandu jintuża għad-determinazzjoni tal-proċedura statistika;

- (j) in-natura tat-tranżazzjoni jekk tkun indikata fid-dikjarazzjoni doganali;
 - k) it-trattament preferenzjali fuq l-importazzjoni meta dan jiġi mogħti mid-Dwana;
 - (l) il-valuta tal-fatturazzjoni jekk tkun indikata fuq id-dikjarazzjoni doganali;
 - (m) il-metodu tat-trasport, li jagħti dettalji dwar:
 - (i) il-metodu ta' trasport fuq il-fruntiera;
 - (ii) il-metodu intern tat-trasport;
 - (iii) il-kontenitur.
2. Il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, relatati ma' speċifikazzjoni ulterjuri tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inklużi l-kodiċi li għandhom jiġu użati, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3).
3. Fejn ma jkunx iddikjarat mod ieħor u mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni doganali, id-*data* għandha tinżamm fid-dikjarazzjoni doganali.

4. Għal 'merkanzija jew movimenti speċifiċi' kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) u d-data provduta f'konformità mal-Artikolu 4(2), settijiet limitati ta' data jistgħu jkunu meħtieġa.

Il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, relatati ma' dawn is-settijiet limitati ta' *data*, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3).

Artikolu 6

Kompilazzjoni ta' statistika tal-kummerċ estern

1. L-Istati Membri għandhom jikkompilaw l-istatistika għal kull perijodu referenzjali ta' kull xahar, dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' merkanzija espressa f'valur u kwantità skont:
- (a) il-kodiċi tal-merkanzija;
 - (b) l-Istati Membri li qed jimportaw/jesportaw;
 - (c) il-pajjiżi msieħba;
 - (d) il-proċedura statistika;
 - (e) in-natura tat-tranżazzjoni;

- (f) trattament preferenzjali fuq l-importazzjoni;
- (g) il-metodu tat-trasport.

Id-dispożizzjonijiet implimentattivi għall-kompilazzjoni tal-istatistika jistgħu jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(2).

2. L-Istati Membri għandhom jikkompilaw l-istatistika annwali dwar il-kummerċ permezz tal-karatteristiċi tan-negozju, jiġifieri l-attività ekonomika mwettqa mill-intrapriża skont it-taqsimha jew il-livell b'żewġ numri tal-klassifikazzjoni tal-istatistika komuni tal-attivitàet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE) u l-klassi tad-daqs imkejjel f'termini ta' għadd ta' impjegati.

L-istatistika għandha tiġi kkompilata permezz tar-rabta tad-*data* dwar il-karatteristiċi tan-negozju rreġistrata skont ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 mad-*data* rreġistrata skont l-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet doganali nazzjonali għandhom jipprovdu n-numru ta' identifikazzjoni rilevanti tal-kummerċjanti lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.

Il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, li għandhom x'jaqsmu mar-rabta tad-*data* u din l-istatistika li għandha tiġi kkompilata, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3).

3. Kull sentejn l-Istati Membri għandhom jikkompilaw statistika dwar il-kummerċ li tinqasam permezz tal-valuta tal-fatturazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jikkompilaw statistika billi jużaw kampjun rappreżentattiv ta' rekords dwar importazzjonijiet u esportazzjonijiet minn dikjarazzjonijiet doganali li fihom data dwar il-valuta tal-fatturazzjoni. Jekk il-valuta tal-fatturazzjoni għall-esportazzjoni mhijiex disponibbli fid-dikjarazzjoni doganali, għandu jsir sondaġġ sabiex tinġabar id-data meħtieġa.

Il-miżuri mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia* billi jissupplimentawh, li għandhom x'jaqsmu mal-karatteristiċi tal-kampjun, il-perijodu ta' rappurtar u l-livell ta' aggregazzjoni għall-pajjiżi msieħba, il-merkanzija u l-valuti għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3).

4. Il-kompilazzjoni ta' statistika addizzjonali mill-Istati Membri għal finijiet nazzjonali tista' tiġi ddeterminata fejn id-data tkun disponibbli fid-dikjarazzjoni doganali.

5. L-Istati Membri m'għandhomx ikunu obbligati jikkompilaw u jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) statistika tal-kummerċ estern dwar *data* statistika li, skont il-Kodiċi Doganali jew ta' istruzzjonijiet nazzjonali, la tkun għadha ġiet rreġistrata u lanqas ma tista' tkun deduċibbli b'mod ċar minn *data* oħra fid-dikjarazzjoni doganali magħmula għand l-awtoritajiet doganali tagħhom. It-trażmissjoni tad-*data* li ġejja hija għalhekk hija fakultattiva għall-Istati Membri. Dan jolqot id-*data* li ġejja.
- (a) mal-importazzjoni, l-Istat Membru tad-destinazzjoni;
 - (b) mal-esportazzjoni, l-Istat Membru tal-esportazzjoni attwali;
 - (c) in-natura tat-tranżazzjoni.

Artikolu 7

Skambju ta' data

1. Mingħajr dewmien u mhux aktar tard mix-xahar ta' wara x-xahar li fih ġew aċċettati d-dikjarazzjonijiet doganali jew li fih dawn kienu soġġetti għal deċiżjonijiet mid-dwani li għandhom x'jaqsmu magħhom, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għandhom jiksbu mingħand l-awtoritajiet doganali r-rekords fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni bbażati fuq id-dikjarazzjonijiet li huma mressqa quddiem dawk l-awtoritajiet.

Ir-rekords għandu jkun fihom mill-inqas dik id-*data* statistika elenkata fl-Artikolu 5 li hija, skont il-Kodiċi Doganali jew skont l-istruzzjonijiet nazzjonali, disponibbli fid-dikjarazzjoni doganali.

2. B'effett mid-data tal-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu għall-iskambju reċiproku ta' *data* b'mezzi elettroniċi, l-awtoritajiet doganali għandhom jiżguraw li r-rekords dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet jintbagħtu lill-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru li jkun indikat fuq ir-rekord bħala:

(a) mal-importazzjoni, l-Istat Membru tad-destinazzjoni,

(b) mal-esportazzjoni, l-Istat Membru tal-esportazzjoni reali,

Il-mekkaniżmu għall-iskambju reċiproku tad-*data* għandu jkun implimentat sa mhux aktar tard minn meta t-Titolu 1, Kapitolu 2, Taqsima 1 tal-Kodiċi Doganali Modernizzat ikun applikabbli.

3. Id-dispożizzjonijiet implimentattivi għad-determinazzjoni tat-trasmissjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu determinati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(2).

Artikolu 8

It-trażmissjoni tal-istatistika tal-kummerċ estern lill-Kummissjoni (Eurostat)

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) l-istatistika msemmija fl-Artikolu 6(1) mhux aktar tard minn 40 jum wara t-tmiem ta' kull perijodu referenzjali ta' xahar.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istatistika jkun fiha informazzjoni dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet kollha fil-perijodu ta' referenza partikolari, filwaqt li jagħmlu l-aġġustamenti fejn ir-rekords mhumiex disponibbli.

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu l-istatistika aġġornata meta l-istatistika li diġà għet trażmessa hija soġġetta għal reviżjoni.

L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-riżultati trażmessi lill-Kummissjoni (Eurostat) kull informazzjoni statistika li hija kunfidenzjali.

Il-miżuri mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia* billi jissupplimentawh, li għandhom x'jaqsmu mal-adattament tal-iskadenza sabiex tiġi trażmessa l-istatistika, il-kontenut, il-kopertura u l-kondizzjonijiet għal reviżjonijiet diġà trażmessi, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3).

2. Il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, li għandhom x'jaqsmu mal-iskadenza għat-trażmissjoni tal-istatistika dwar il-kummerċ permezz tal-karatteristiċi tan-negozju msemmija fl-Artikolu 6(2) u l-istatistika dwar il-kummerċ maqsuma mill-valuta tal-fatturazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(3), għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3).
3. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu l-istatistika f'forma elettronika, skont standard tal-interchange. L-arranġamenti prattiċi għat-trażmissjoni tar-riżultati jistgħu jiġu ddeterminati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(2).

Artikolu 9

Valutazzjoni tal-kwalità

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-dimensjonijiet tal-kwalità li ġejjin għandhom japplikaw għall-istatistika li għandha tiġi trażmessa.
 - (a) 'ir-rilevanza' tirreferi għall-grad ta' kemm l-istatistika tilħaq il-ħtiġijiet attwali u potenzjali tal-utenti;
 - (b) 'l-eżattezza' tirreferi għal kemm l-estimi jqarrbu lejn il-valuri vera mhux magħrufa;
 - (c) 'il-wasla fil-ħin' tirreferi għad-dewmien bejn id-disponibbiltà tal-informazzjoni u l-avveniment jew il-fenomeni li dan jiddeskrivi;
 - (d) 'il-puntwalità' tirreferi għad-dewmien bejn id-data ta' rilaxx tad-*data* u d-*data* meta hi suppost tkun ġiet ikkunsinnata;
 - (e) 'l-aċċessibbiltà' u 'ċ-ċarezza' jirreferu għall-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li bihom l-utenti jistgħu jiksbu, jużaw u jinterpretaw id-*data*;
 - (f) 'il-komparabbiltà' tirreferi għall-kejl tal-impatt tad-differenzi fil-kunċetti statistiċi u għodod u proċeduri tal-kejl applikati meta l-istatistika titqabbel bejn iż-żoni ġeografiċi, dominji settorjali jew matul iż-żmien;

(g) 'il-koerenza' tirreferi għall-adattabbiltà tad-*data* li tkun marbuta b' mod affidabbli b' modi differenti u għal użu varju.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni (Eurostat) kull sena dwar il-kwalità tal-istatistika trażmessa.
3. Permezz tal-applikazzjoni tad-dimensjonijiet ta' kwalità stipulati fil-paragrafu 1 lill-istatistika koperta b'dan ir-Regolament, il-modalitajiet u l-istruttura tar-rapporti dwar il-kwalità għandhom jiġu definiti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(2).

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tal-istatistika trażmessa.

Artikolu 10

Disseminazzjoni ta' statistika tal-kummerċ estern

1. Fil-livell Komunitarju, l-istatistika tal-kummerċ estern ikkompilata skont l-Artikolu 6(1) u trasmessa mill-Istati Membri għandha tiġi disseminata mill-Kummissjoni (Eurostat) għall-inqas bis-subintestatura tan-Nomenklatura Magħquda.

Unikament fuq talba tal-importatur jew tal-esportatur l-awtoritajiet nazzjonali ta' Stat Membru partikolari għandhom jiddeċiedu jekk l-istatistika dwar il-kummerċ estern ta' dak l-Istat Membru li tista' tagħmilha possibbli li tidentifika dak l-importatur jew l-esportatur, għandhiex tiġi disseminata jew għandhiex tiġi emendata b'tali mod li d-disseminazzjoni tagħha ma tippreġudikax il-kunfidenzjalità tal-istatistika.

2. Mingħajr preġudizzju għad-disseminazzjoni ta' *data* fil-livell nazzjonali statistika dettaljata skont is-sottointestatura Taric u l-preferenzi m'għandhiex tiġi disseminata mill-Kummissjoni (Eurostat) jekk l-iżvelar tagħha jqiegħed f'periklu l-ħarsien tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika kummerċjali u agrikola tal-Komunità.

Artikolu 11

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat dwar l-istatistika relatata man-negozju ta' merkanzija ma' pajjiżi mhux membri.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.
3. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a (1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 12

Revoka

Ir-Regolament (KE) Nru 1172/95 għandu jkun irrevokat b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

Għandu jkompli japplika għad-*data* li tappartjeni għall-perijodi ta' referenza qabel l-1 ta' Jannar 2010.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President